# Dun Pawl Galea -

# Edukatur taż-Żgħażagħ



Anthony P Scicluna

Għakemm aħna l-Ġiljaniżi l-aktar li bqajna niftakru liz-ziju tiegħi, Dun Pawl bħala l-fundatur tal-Banda San Ġiljan, iżda hemm ħafna iżjed x'wieħed jgħid dwar l-interess li kellu fl-edukazzjoni taż-żgħażagħ, l-aktar dawk li kien jiehu ħsiebhom hu...l-Ġiljaniżi, subien u bniet.
Jekk bil-kelma edukazzjoni nifhmu l-iżvilupp totali ta' żagħżugħ kemm dak fiżiku, intelletwali, spiritwali, morali, soċjali, kulturali u sportiv, mela veru Dun Pawl kien tassew edukatur għaliex l-għanijiet ta' l-edukazzjoni vera taż-żgħażagħ b'xi mod u bil-mezzi li kellu, laħaqhom kollha.

### *X'ried minnu Alla*

Fl-1921, meta kellu 22 sena u kien qed jistudja għal socerdot, mar kompla l-istudju tiegħu fil-belt ta' Algiers, fejn kellu xi zijiet joqogħdu hemm. Fit-23 ta' Diċembru 1923 ġie ordnat saċerdot fl-età ta' 24 sena u wara sentejn ħidma pastorali f'Algiers, ġie Malta jara l-ġenituri u lil qrabatu li kienu joqogħdu San Ġiljan.

Waqt li kien hawn Malta għal din il-btala, inzerta miet il-kappillan tas-sorijiet ta' l-isptar Blue Sisters u l-Isqof Dom Mauro Caruana ħatar lilu bħala kappillan ta' dawn is-sorijiet. Dan kien ifisser li Dun Pawl kien se jibqa' Malta. Ta' qasis żagħżugħ li kien, Dun Pawl ta bidu għall-ħidma pastorali ġo San Ġiljan fost it-tfal. Beda jgħallem id-duttrina u fetaħ id-Domus fil-Milied tas-sena 1925. Din kienet dar qrib fejn kien joqgħod hu. Kienet dar bil-parapett u għadha hemm illum fit-Triq Telgħet B'Kara, Ta' Giorni.

Ftit ftit, fl-istess Domus, minbarra t-tagħlim tad-duttrina, beda jħajjar żgħażagħ jitgħallmu xi strument tal-banda u flimkien mas-Surmast Angelo Pullicino rnexxielhom idoqqu għall-ewwel darba fil-Milied 1926. Alla beda juri x'ried minn dan is-saċerdot.

### *Talenti moħbija*

Qegħdin nitkellmu fuq grajjiet li seħħew xi tmenin sena ilu. Dun Pawl, bl-għajnuna wkoll ta' oħrajn, irnexxielu jsib talenti moħbija ġo żgħażagħ u għinhom biex jiżviluppawhom. Diġà kien għaraf kemm kien meħtieġ għaż-żagħżugħ li l-enerġija u l-entużjażmu taż-żogħżija jużahom biex itejjeb il-karattru u l-personalità tiegħu li tkun tiswielu 'l-quddiem fil-ħajja meta jsir adult.



***Team tal-football tad-Domus ma' Dun Pawl***

Iżda, flimkien ma' l-edukazzjoni artistika bit-tagħlim tal-mużika, Dun Pawl għaraf ukoll jagħti liż-żgħażagħ edukazzjoni sportiva. Ma kienx jonqos li kien joħodhom ħarġiet u mixjiet u wkoll xi għawma. Dan nafuh ukoll minn xi ritratti li diġà konna ppubblikajna.

*ikompli f'paġna 37*

# Dun Pawl Galea - Edukatur taż-Żgħażagħ

*ikompli minn paġna 35*

Kien ifforma dan it-team tal-football kif qed inġibu f'dan ir-ritratt li bi pjaċir u ferħ kbir irnexxieli nsib. Nittamaw li jkun hemm xi ħadd li jagħtina ħjiel ta' xi ismijiet.

Fosthom nista' nagħraf liz-ziju tiegħi, Anthony Galea l-ewwel wieħed kokka quddiem fuq ix-xellug. Dan jiġi hu Dun Pawl u missier Dun Ġwann Galea li wkoll twieled u joqghod San Ġiljan.



***Dun Pawl f'waħda mill-ħarġiet mat-tfal sal-ġonna ta' San Anton fid-19 ta' Frar,1945***

Ma nafux meta ttieħed ir-ritratt iżda tista' tkun is-sena 1927. It-tfal kellhom xi 11 jew 12 il-sena u għalhekk jekk baqa' xi ħadd ħaj illum għandu madwar 100 sena! Zgur li xi hadd haj illum għandu madwar 100 sena! Żgur li xi ħadd minn uliedhom jew jiġi minnhom jista' jagħti xi tagħrif lill-editur ta' dan il-ktejjeb.

Irridu iżda nammiraw x'serjetà, dixxiplina u ordni kellu Dun Pawl minn dan r-ritratt tat-team tal-football li kważi l-anqas illum ma aħna organizzati u nħallu tifkiriet bhal dawn għal ta' warajna.

Fil-waqt li nsellmu u nagħtu ħajr lil Dun Pawl għall-ġid li għamel fost iż-żgħażagħ Ġiljanizi, nittamaw u nawguraw li aktar saċerdoti u mexxejja oħra jieħdu l-eżempju tiegħu.

## *Tagħlim tal-Mużika*

Dawk il-ġenituri li jixtiequ jibgħatu lil uliedhom jitgħallmu l-mużika
jew idoqqu xi strument tal-banda għandhom jinfurmaw
lil xi membru tal-Kumitat qabel il-15 ta' Settembru, 2005.
Il-Każin tal-Banda San Ġiljan joffri dan is-servizz bla ħlas.
Il-lezzjonijiet jibdew fil-bidu t'Ottubru 2005.